CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 47

It-Tlieta, 17 ta' Jannar 2017

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fi 3pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa.

**47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

47.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ittra ta' rizenja mill-Kunsilliera s-Sinjura Jane Attard minħabba raġunijiet ta'saħħa. Il-Kunsill aċċetta r-rizenja tagħha

**47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

47.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas- Sitta u Erbgħin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

47.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**47.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

47.3.1 Is- Sindku talab lis- SE ikellem lil Calleja Ltd rigward l-electrodes li kellhom isiru ml-lampi l-ġodda li ġew installati fil-ġnien z-zgħir ta' Howard Gardens jekk sarux.

47.3.2 Is- Sindku tkellem fuq id-dewmien zejjed li qed jieħdu il-Government Property Division biex jiġi rratifikat il-kuntratt ta' Casino Notabile. Huwa qal li jekk mhux ser tittieħed deċizjoni,hemm iċ-cans bħala li jittieħdu passi l-Qorti mill-kuntrattur fil-konfront tal-Kunsill, li rebaħ t-tender biex jimmaniġġja l-propjeta. Huwa qal li ser jistenna sal-laqgħa li jmiss biex jara jekk kienx hemm xi zviluppi u fil kaz bħala Kunsill irridu naraw kif ser ngħrfu nimxu.

47.3.3 Is- Sindku talab lis- SE biex iġib tlett kwotazzjonijiet għal *cupboard* taz-zingu biex jitwaħħal wara ix-shed taz-zwiemel fejn il-kuċċiera jkunu jistgħu jitfaw fih il-bramel u l-ixkupi tagħhom għaliex fis-sitwazzjoni prezenti qed jidhru koroh mperċin barra fejn id-daħla ta' L-Mdina.

47.3.4 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mas- Sur Cleavon Frendo ta' Carpe Diem Productions fuq id- dramm li ser tittella' ġewwa l-Mdina fuq il-passjoni ta' Kristu li ser issir nhar id- 9 ta' April 2017. Huma iddiskkutew fid-dettal l-programm u ftiehmu li karozzi tar-residenti li ser jitneħħew ser ikun minimu ħafna li ma jaffettwax lir-residenti. Il-Kunsill approva.

47.3.5 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li fl-4 ta' Frar 2017 ser ikun hemm seminar mtella mid-DLG fuq il-fondi għal attivitajiet tal-Kultura għas-snin 2017 u 2018. Sadanittant huwa talab lis- SE biex jibda bil-preparamenti inizjali għal Medieval Mdina 2017.

47.3.6 Is- Sindku talab lis- SE biex ikellem lil- Perit C. Farrugia fir-rigward tal-pjanti li kienu ġew sottomessi għal kostruzzjoni ta'taraġ fejn in-nizla tal-Mina ta' l-Għarreqin/biex la darba ikun hemm il-possibilita' li bħala Kunsill inkunu nistgħu nagħmlu xi proġetti kapitali, ikollna f'idejna l-pjanti.

47.3.7 Is- Sindku talab lis- SE biex jibgħat reminder lir- *Restoration Unit* fir-rigward tal-*patching* li sar fid-daħla ta' Ġnien Howard fejn il-venda taz-zwiemel.

47.3.8 Is- Sindku talab lis- SE jikteb lil Perit R. Musumeci biex itina *update* tas-siwazzjoni rigward l-appell lit-tribunal tal-MEPA fuq il-kwistjoni taz-zrar fil-gnien z-zgħir ta' Howard Gardens.

47.3.9 Is- Sindku ressaq għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill talba minn Transport Malta għal introduzzjoni għal *electric power assisted cycles* ġewwa l-Mdina. Huwa qal dawn jaqgħu taħt il- *250 W Power Assisted Bycicle Taxi Service Regulations* u minnhom diġa hawn jaħdmu gewwa il-Belt Valletta. Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kien hawn prezenti is- Sur Ronald Attard Pullicino li spjega dan u l-Kunsill kien baqa li jerġa jiddiskuti din il-materja u tittieħed deċizjoni peress li kien hemm xi membri skuzati.

Wara diskussjoni li saret bejn il-kunsilliera ġie deċiz b'mod unanimu li din it-talba tiġi miċħuda.

**47.4 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

47.4.1 Il-Viċi Sindku staqsa rigward xi xogħolijiet li qed isiru ħdejn il-Veduta fejn kien hemm xi krejn u trakkijiet jaħdmu.

47.4.2 Is-SE wieġeb li ser jara ezattament fiex jikkonsistu dawn ix-xogħolijiet u min hu responsabbli għaliex bħala Kunsill ma rċevejna l-ebda talba u ma nħarġu ebda permessi meħtieġa mill-Kunsill.

47.4.3 Il-Kunsilliera C. Scerri staqsiet jekk humiex isiru il-manutenzjonijiet meħtieġa fuq il-*horse cab stand*.

47.2.4. Is- Sindku wieġeb li f'dan ir-rigward il-Kunsill talab għal laqgħa ma' Transport Malta u din sejra ssir nhar il-Ġimgħa. 20 ta' Jannar 2017 biex niddiskutu dan is-suġġett flimkien ma' affarijiet oħra li jolqtu lill-Kunsill.

**47.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti**

**Budget 2017**

47.5.1 Il-Budget għas-sena finanzjarja 2017 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuz) Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spiega xi affarijiet lill-Kunsilliera.

47.5.2 Il- Budget, kif kien propost għall-approvazzjoni mis-Sindku, ġie approvat unanimament.

**Rapport Amministrattiv 2016**

47.5.3 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport annwali amministrattiv għas- Sena 2016 (meħmuz). Kopja ngħatat lill- kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

47.5.4 Ir-rapport kien propost għall-approvazzjoni mis- Sindku Peter Sant Manduca fejn ġie approvat unanimament mill-Kunsill u ġie ffirmat mis- Sindku u s- Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

**Business Plan 2017-2019**

47.5.5 Il- Business Plan għal perjodu 2017-2019 tqiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuż). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega xi affarijiet lill-Kunsilliera

47.5.6 Il- Business Plan, kif kien propost għall-approvazzjoni mis-Sindku Peter Sant Manduca, ġie approvat unanimament.

**47.6 Performance Bonus għas-Sena 2016 lis- Segretarju Ezekuttiv u Ħaddiema Klerikali;**

47.7.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-effiċjenza għas-sena 2016 fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, s-Sinjur Mark Mallia. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv. F’dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv kien skuzat mil-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jerġà jidħol fil-kamra. Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv illi l-Kunsill unanimament approva performance bonus ta’ 10% tas-salarju.

47.7.2 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2016 fir-rigward tal-impjegata tal-Kunsill, s-Sinjura C. Camilleri. F' dan il-ħin, il-Kunsilliera Maryann Sultana talbet li tiġi skuzata mill-laqgħa u ħarġet il- barra minħabba kunflitt ta' interess. Il-Kunsill unanimament approva li s-Sna C. Camilleri tingħata performance bonus ta’ 6% tas-salarju tagħha.

**47.7 Aġġudikazzjoni fuq kwotazzjoni għal leasing ta'photocopier- MLCQ/01/2016**

47.7.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapport mill-Bord ta' Evalwazzjoni fuq il-kwotazzjonijiet li ġew sottomessi fejn il-bord qed jirrikomanda li tingħata lil Intercomp Marketing Ltd peress li kienet l-irħas offerta u konformi ma l-ispeċifikazzjonijiet mitluba mill-Kunsill. Il-Kunsill wara li ra dan ir-rapport huwa approva unanimament li tintgħata lil Intercomp Marketing Ltd.

**47.8 Ilmenti u *items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

47.8.1 Is- Sindku talab li kemm jista' jkun malajr jitneħħa l-ħaxix ħazin li hemm il-foss madwar is- Sur

**47.9 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

47.9.2 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib iddata tal-17 ta’ Jannar 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 18,409.69.

47.9.3 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsilliera Maryann Sultana li kien issekondat mill-Kunsilliera Maryann Sultana. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l- ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miz- żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**47.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

46.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 21 ta’ Frar 2017 fit-3pm

| | |
|---|---|
| ____IFFIRMATA_______ | _____IFFIRMATA_______ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data: 21-02-2017_______